MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 633/2002

**Raymond Gauci**
**ghan-nom u in rapprezentanza ta' SBMD Ltd**

**vs**

**Raymond Borg**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u erbghin lira Maltin (Lm2,540.00) rapprezentanti kera arrettrata kif ukoll ghall-okkupazzjoni indebita kif jirrizulta minn skrittura privata datata 17 ta' Gunju, 2001, liema somma skond l-istess skrittura kellha tithallas fi zmien tliet xhur, izda minkejja li l-konvenut gie nterpellat li jhallas, xorta baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, u interessi legali sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru

2166/02 u l-mandat ta' qbid 2165/02, pprezentati kontra l-konvenut fl-14 ta' Ottubru, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-6 ta' Frar, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------